

DIGRIET TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU
(It-Tieni Awla)
26 ta' Ġunju 2008

Kawża F-1/08

Bart Nijs
vs
Il-Qorti tal-Audituri tal-Komunitajiet Ewropej

“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Artikolu 35(1)(e) tar-Regoli tal-Proċedura — Espożizzjoni tal-motivi u tal-argumenti — Terminu għat-tressiq ta’ lment — Inammissibbiltà manifesta”

Test sħiħ bil-lingwa tal-kawża (il-Franċiż) II-A-1 - 1231

Suġġett: Rikors, ippreżentat skont l-Artikoli 236 KE u 152 KEEA, li permezz tiegħu B. Nijs jitlob l-annullament tar-rapport ta’ evalwazzjoni tiegħu għas-snin 2005/2006, tad-deċiżjonijiet marbuta miegħu u sussegamenti għalih, b'mod partikolari dik li ma jingħatax promozzjoni fl-2007, u tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Audituri, tat-8 ta’ Marzu 2007, li ġġedded il-mandat tas-Segretarju Ġenerali tagħha b'effett mill-1 ta’ Lulju 2007, kif ukoll li l-Qorti tal-Audituri tiġi kkundannata tħall-su kumpens għad-dannu materjali u morali mgħarrab.

Deċiżjoni: Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat. Ir-rikorrent huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha.

Sommarju

*1. Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali
(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19, u Anness I, Artikolu 7(1) u (3); Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, Artikolu 35(1)(d) u (e))*

*2. Ufficijali — Rikors — Att li jikkawża preġudizzju — Kunċett — Ħatra ta' uffiċjal ieħor qabel id-dħul fil-kariga tar-rikorrent — Esklużjoni
(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90(2) u 91(1))*

1. Skont l-Artikolu 35(1)(e) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ir-rikors promotur għandu jinkludi espożizzjoni tal-motivi u tal-argumenti ta' fatt u ta' dritt imressqa. Dawn għandhom ikunu ċari u preċiżi biżżejjed sabiex abbażi tagħhom il-konvenut ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu u sabiex it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jkun jista' jiddeċiedi dwar ir-rikors, jekk ikun il-każ mingħajr ebda informazzjoni oħra. Sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa meħtieġ, sabiex rikors ikun ammissibbli, li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt, li fuqhom dan ir-rikors ikun ibbażat, joħorġu b'mod koerenti u li jista' jinftiehem mit-test tar-rikors stess.

Dan jgħodd iktar fid-dawl tal-fatt li, skont l-Artikolu 7(3) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fażi bil-miktub tal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tinkludi biss, bħala prinċipju, skambju wieħed

ta' noti, sakemm ma l-istess Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma jiddeċidix mod ieħor. Barra minn hekk, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-imsemmi Statut, applikabbli għall-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku skont l-Artikolu 7(1) tal-Anness I tal-istess Statut, uffiċjal għandu jkun rappreżentat minn avukat. Ir-rwol essenzjali ta' dan tal-aħħar, bħala aġent tal-ġustizzja, huwa preċiżżament li jibbaża t-talbiet tar-rikors fuq argumenti legali li jkunu komprensibbli u koerenti biżżejjed, fid-dawl preċiżżament tal-fatt li l-fażi bil-miktub tal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tinkludi biss, bħala prinċipju, skambju wieħed ta' noti.

Rikors li fih il-fatti jkunu esposti b'mod imħawwad u mingħajr ordni, mingħajr ma l-qarrej ikun jista' jorbothom b'mod li jagħmel sens ma' talba tar-rikors jew ma' wieħed mill-motivi mqajma insostenn tiegħu ma jistax jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni meħtieġa.

Bl-istess mod, rikors ta' uffiċjal li ma jidtentifikax b'mod preċiż l-atti kkontestati u li għalhekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 35(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa manifestament inammissibbli.

(ara l-punti 24 sa 27 u 46)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 24 ta' Marzu 1993, Benzler vs Il-Kummissjoni, T-72/92, Ġabra p. II-347, punti 16, 18 u 19; 28 ta' April 1993, De Hoe vs Il-Kummissjoni, T-85/92, Ġabra p. II-523, punt 20; 21 ta' Mejju 1999, Asia Motor Franza *et al* vs Il-Kummissjoni, T-154/98, Ġabra p. II-1703, punt 42; 15 ta' Ġunju 1999, Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-277/97, Ġabra p. II-1825, punt 29

2. Huma biss il-miżuri li jiproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti, billi jibdlu b'mod serju s-sitwazzjoni legali tiegħu, u li jistabbilixxu b'mod definitiv il-pożizzjoni tal-istituzzjoni li jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 90(2) u tal-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ma jkunx il-każ fil-każ tal-ħatra, fi ħdan l-istess istituzzjoni, ta' uffiċjal ieħor meta din tkun seħħet qabel id-dħul fil-kariga tar-rikorrent.

(ara l-punti 34 u 35)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: 25 ta' Ottubru 2005, Fardoom u Reinard vs Il-Kummissjoni, T-43/04, ĠabraSP p. I-A-329 u II-1465, punt 26

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: 21 ta' April 2008, Boudova *et vs* Il-Kummissjoni, F-78/07, ĠabraSP p. I-A-1-97 u II-A-1-509, punt 31